# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Bradley Azzopardi u Analise Azzopardi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta`

(1) **Bradley Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita 86992M u

(2) **Analise Azzopardi** detentriċi tal-karta tal-identita 177897M

u li ġew akkużati talli nhar it-22 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-02:30 ġewwa l-istabbiliment Havana Club, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan ħebbew kontra Fabio Zanghi u kkaġunawlu offiża ta' natura ħafifa filwaqt li kkaġunaw offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Valentina Zanghi.

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Frar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 6 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Difensur tagħhom Dr. David Camilleri tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat***

Din hija kawża tipika fejn hemm kunflitt serju f'diversi aspetti bejn il-verżjoni mogħtija mill-parte civile u x-xhud prodott u dik mogħtija mill-imputati u x-xhud tagħhom. Il-Qorti għandha diffikulta sabiex tagħrbel ix-xiehda u tara lil min ser temmen u safejn għandha temnu. Hemm diversi inkonsistenzi fix-xiehda tax-xhieda kollha. Il-Qorti kellha wkoll tirrikorri għall-prinċipji sanċiti fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u ma kienetx faċli tiddetermina sewwasew lil min temmen u lil min le, u f'xiex temmen lil min u f'xiex ma temminx.

Qabel xejn il-Qorti mhix temmen il-verżjoni tal-imputati u x-xhud tagħhom li f'dan il-każ tista' tgħid li ma kien hemm ebda argument bejn Valentina Zanghi u Analise Azzopardi. Il-Qorti temmen li kien hemm argument bejn Valentina Zanghi u Analise Azzopardi. Il-kwistjoni tibqa' pero li din il-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għax-xiedha prodotta mill-Prosekuzzjoni biex tkun tista' ssib ħtija kif mitlub.

Valentina Zanghi tixhed li l-argument kien għal ħabta ta' nofs il-lejl. L-imputazzjoni tgħid li dan l-inċident seħħ għas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu. Fi kwalunkwe każ, hi tgħid li lil Analise Azzopardi ma kienetx tafha qabel. Ratha li kellha xi argument ma' ħabib tagħha Josef (Mohouachi) li kienet ilha ma tara għal sentejn u kif kienu qed

jargumentaw bil-kliem hi resqet lura.  Marret tkellem lil Josef u kien dak il-ħin li Analise Azzopardi imbuttatha minn spallitha "B'idejha. Imbagħad wara trid tiddefendi ruhek, nimmagina bħal ma kull persuna tagħmel u spiccajna ma' l-art jigifieri waqt li nagħtu".

Tgħid li kien hemm ukoll ħuh Analise Azzopardi, Bradley Azzopardi preżenti li kellu tazza tal-inbid tal-ħġieġ li farrakhielha f'nofs wiċċha u konsegwenza ta' dan tajrilha nofs sinna barra.  F'wiċċha kellha xi grif ukoll iżda me kellhiex bżonn punti.  Wara li qalgħet id-daqqa bit-tazza f'wiċċha ħuha Fabio u skontha pprova "isolvi l-problema".  Ipprova jkellem lil bouncers.  Pero wara ma kellhiex idea fejn kien telaq Bradley Azzopardi.  Wara marru l-għassa tal-Pulizija.

Issa dwar id-dinamika ta' dan l-inċident jidher li skont Zanghi, l-ewwel ġiet fl-idejn ma Analise Azzopardi u waqgħu mal-art u wara seħħ l-allegat inċident fejn Bradley Azzopardi farrak it-tazza f'wiċċha.  Biss Valentina Zanghi ma tispeċifikax jekk in konsegwenza għall-ġlieda ma Analise Azzopardi hi sofrietx xi ġrieħi kaġunati minn Analise Azzopardi, u jekk sofriet ġrieħi minn taħt idejha x'kienu.  Hija tixhed esklussivament fuq il-ġrieħi subiti in konsegwenza għat-tifrik tat-tazza f'wiċċha minn Bradley Azzopardi.

Josef Mahouachi jixhed li hu kien ma Valentina Zanghi u ħuha Fabio dakinhar tal-inċident. Valentina Zanghi kienet ħdejh meta Analise Azzopardi u Valentina Zanghi "qabdu jiġġieldu". A fol 50 jgħid li ħdejh kien ifisser li l-ġlieda ħdejh kienet. Mistoqsi kif beda dan l-inċident huwa jgħid li ma kienx jaf eżatt u li hu kien naqra mlaħlaħ. Interessanti li ma jsemmix li kellu inċident hu stess ma' Analise Azzopardi qabel ma ra lil Valentina Zanghi fil-ġlieda ma Analise Azzopardi.

Mahouachi jgħid li huwa rahom ituha lil Valentina u ra' li kellha ħalqha kollu demm, anke s-sinna ta' quddiem kienet nieqsa u kif jgħid hu "ifhimni waħedha ma telqitx is-sinna". Għalkemm pero kien eżatt ħdejn Valentina Zanghi meta seħħ dan l-inċident huwa jgħid li qabdu ituha :

> Xhud: Analise u huha eh. Issa pero' jien nixtieq nagħmilha ċara li jiena l-glieda as such jaqbad jagħtiha lil huha ma rajtux, sewwa, jiena rajthom jagħtu...
>
> Qorti: Inti meta rajthom inti min rajt jagħti lil min?
>
> Xhud: jiena kull ma rajt bħala ġlieda lil Analise u lilha.
>
> Qorti: Lil Analise u lil Valentina?
>
> Xhud: Ezatt.
>
> Qorti: Imbagħad l-affarijiet l-oħrajn sirt tafhom mingħand ħadd ieħor?
>
> Xhud: Mhux hekk għax waħda ġġib lil oħra mhux għax rajthom, morna l-għassa hux.

In definittiva, għalkemm kien ħdejn Valentina Zanghi qabel u waqt il-ġlieda, huwa jagħraf li l-ġlieda kienet bejn Valentina Zanghi u Analise

Azzopardi iżda huwa la ra d-daqqa ta' Bradley Azzopardi bit-tazza f'wiċċ Valentina Zanghi u l-anqas ra' s-sinna tinqala waqt il-ġlieda. A fol 51 jgħid li huwa sar jaf li nqalgħatilha s-sinna **wara** l-ġlieda.

A fol 55 Fabio Zanghi jixhed li oħtu u Analise Azzopardi "qabdu jagħtu eh". Għalkemm kien ma' oħtu u Josef, ma jafx jgħid min qabad jagħti u kif bdiet il-ġlieda. Hu laħaqhom kienu għoqda flimkien. Anzi jgħid li kien għaddej, rahom ġew għoqda, mar jara min qed jagħti u insertat kienet oħtu. Il-ġlieda ma qabadhiex mill-bidu iżda huwa qabadha f'dak il-punt fejn Analise Azzopardi u Valentina Zanghi kienu mqabdin f'xulxin. Issa stando mad-dinamika tal-inċident kif spjegat minn Valentina Zanghi, l-allegata daqqa ta' tazza f'wiċċha seħħet wara li kienet mal-art ma Analise Azzopardi. Mistoqsi mill-Qorti :

> Qorti: Apparti oħtok u Analise, f'din il-kobba kien hemm xi ħadd ieħor?
>
> Xhud: Ma nafx ngħidlek

Għalkemm issa kellu lil oħtu suppost quddiem għajnejn, dan ix-xhud ma jsemmi ebda episodju li fih ra lil Bradley Azzopardi ikun involut f'xi parti tal-inċident jew li jagħti xi daqqa ta' tazza lil oħtu f'wiċċha. Anzi huwa jżid dettalji interessanti a fol 57:

> Xhud: imbagħad gew il-bouncers u tefgħu lil oħti 'l barra, anzi dik in-nhar nista' ngħidlek li l-bouncers qabdu lil oħti, għidilhom ħalluha f'idi lil bouncers u qabdu jagħtu lili l-bouncers biex ħarġuha fhimt għax qabduha la salvagga bħal speċi, għidilhom ħa nnizzilha jien u qabdu jagħtu lil, lanqas naf kif nizzluni.

Qorti: jigifieri kafkruk 'il barra ukoll?

Xhud: x'kaxkru, qabdu jagħtuni qed ngħidlek?

Qorti: jagħtuk jiġifieri daqqiet?

Xhud: Bil-ponn eżatt. Għax kif inżilt isfel insib xi erba' jagħtuni, kull wieħed daqs xiex.

Spettur Micallef : Issa apparti oħtok u Analise kien hemm xi ħadd ieħor qed jiġġieled?

Xhud: Ma jidhirlix.

Anke dan ix-xhud għalhekk, minkejja li kien qed jara l-ġlieda, almenu żgur mill-mument li skontu oħtu Valentina u Analise Azzopardi kienu għoqda, ma rax lil Bradley Azzopardi jagħtiha daqqa ta' tazza f'wiċċha lil oħtu. Anzi huwa jixhed li kien skont oħtu li Bradley Azzopardi faqalha t-tazza f'wiċċha. A fol 58 jixhed li :

Xhud : ... Jiena rajt tazza tinfaqa' ħa ngħidu hekk imma...

Qorti: U kif infaqgħet din it-tazza u fejn jew ma rajthiex?

Xhud: ma rajthiex cara imma tara tazza tinfaqa' hux u ... fuq wiċċ oħti.

Qorti: Jiġifieri inti rajt it-tazza tinfaqa' per min faqa' t-tazza ma rajtx?

Xhud: Le mhux eżatt.

Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif dan ix-xhud li qiegħed ħdejn oħtu, ma jafx jekk kienx hemm ħaddieħor involut f'din il-ġlieda, jara tazza tinfaqa f'wiċċ oħtu iżda ma jarax min ikun qed jifqagħha. L-anqas tista' tifhem kif Josef Mahouachi li kien ukoll ħdejn Valentina Zanghi

qabel u waqt il-ġlieda la ra d-daqqa ta' Bradley Azzopardi bit-tazza f'wiċċ Valentina Zanghi u l-anqas ra' s-sinna tinqala waqt il-ġlieda.

A fol 59 itenni li l-ġrieħi li huwa sofra ma kienux magħmulin lilu mill-imputati iżda kienu kaġunati lilu mill-bouncers tal-istabbilitment Havana. Ħadd mill-imputati lilu personali ma kien ħebb għalih jew messu. Hu minn naħa tiegħu kellu x'jaqsam biss mal-bouncers!

Fattur ieħor li ħasseb lil din il-Qorti huwa li Valentina Zanghi ttenni li kien Bradley Azzopardi li faqa' tazza tal-ħġieġ tal-inbid f'wiċċha u kien minħabba f'hekk li tajrilha parti minn sinna. Il-Qorti rat mhux biss ix-xiehda tagħha iżda wkoll dik tat-tabib Christopher Muscat li rrilaxxja ċ-ċertifikat mediku a fol 2. Il-Qorti trid tirrimarka li anke hawnhekk hawn inkonsistenzi f'din ix-xiehda. A fol 18 it-Tabib jgħid li Valentina Zanghi kellha qasma ta' ħames **<u>ċentimetri</u>** fuq geddumha. Biss miċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu stess di proprio pugno, jidher ċar li a tempo vergine huwa kien kiteb "LCW chin c. 5 **<u>m</u>**m". Huwa ddeskriva l-qasma ta' ħames millimetri u mhux ħames ċentimetri fiċ-ċertifikat tiegħu. Apparti minn hekk jixhed ukoll li kellhom jagħmlu l-punti f'wiċċ Valentina Zanghi. Iżda a fol 42 Valentina Zanghi mistoqsija għal darbtejn wara xulxin mill-Ispettur Micallef jekk kellhomx jagħmlulha punti f'wiċċha din ix-xhud tixhed għal darba darbtejn li bħala punti ma għamlulha xejn f'wiċċha! A fol 70 l-Ispettur Micallef jistaqsi lil din ix-

xhud jekk minbarra li "kellek suppost laceration wound ta' 5 millimeters, kellek xi qasma x'imkien?" u din ix-xhud wieġbet li kellha qasma f'rasha li pero ma kienetx għadha tidher. Biss ta' din l-allegata qasma wieħed ma jsib ebda riferenza fiċ-ċertifikat tat-tabib Muscat a fol 2. Min jaf jekk qaltlux biha?

Ad ogni modo din il-Qorti ssibha wkoll diffiċli temmen li persuna li tiġi miksura **<u>tazza tal-ħġieġ</u>** f'wiċċha skont kif deskritt minnha, ikollha qasma żgħira fuq geddumha u biċċa minn sinna mtajra – mingħajr sfreġju ieħor kaġunat mal-kumplament tal-area tal-ħalq u l-kumplament tal-wiċċ dovut għall-frammenti taljenti tal-ħġieġ imkisser bl-impatt. Għal grazzja t'Alla ma kien hemm ebda ġrieħi ta' din in-natura f'wiċċ Valentina Zanghi. Minbarra l-verżjoni ta' Valentina Zanghi innifisha, jirriżulta li kien hemm ukoll ħuha Fabio Zanghi u x-xhud Josef Mahouachi li kienu qegħdin ħdejn Valentina Zanghi meta inqala l-inċident jew meta kien qiegħed jiżvolġi, iżda dawn ma jikkorraborawx il-verżjoni ta' Valentina Zanghi f'aspetti importanti tagħha. Meta analizzat ix-xiehda aktar il-fuq imsemmija, dil-Qorti għandha dubju dettat mir-raġuni dwar kemm verament seħħ dan l-inċident kif deskritt minn Valentina Zanghi.

Il-Qorti rat ukoll li fil-5 ta' Novembru 2015, a fol 68 et seq, Valentina Zanghi iddikjarat li hija kienet qegħda taħfer tal-azzjonijiet li kien ġara fl-

2014 u ma xtaqetx li tibqa' tagħfas fuqha. Hija tgħid li ħadet din id-deċiżjoni b'risposta sibillina fis-sens li "persuna li ma għadhiex hawnhekk magħna mexxietni dejjem mat-triq it-tajba u ddecidejt li kapaci naħseb naħfer."

## ***<u>Deċide</u>***

Li in bażi għall-provi prodotti, din il-Qorti mhix f'qagħda li serenament tista' ssib ħtija fl-imputati u dan minħabba li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 221 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum, il-15 ta' Ġunju 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***